**Sejħa għal Proposti ta' Proġetti mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura ffinanzjati mill-Fond tal-Akkwakultua, kif stabbilit fil-L.S. 425.12**

**Sena tas-Sejħa**: 2026 – Sejħa kontinwa.

**Dati tas-Sottomissjoni :** Sottomissjonijiet għal proposti ta' proġetti ġodda għall-2026 jiġu aċċettati biss matul il-perjodi li ġejjin : mit-23 sat-30 ta' Marzu, u mit-22 sat-30 ta' Settembru.

**Metodu ta' Sottomissjoni :** Il-proposti ta' proġetti għandhom jinġiebu personalment fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, Agriculture Research Hub, Marsa, Malta. Il-proposti tal-proġetti għandhom jiġu indirizzati lill-Bord tal-Fond tal-Akkwakultura. Qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni, l-applikant irid jagħmel appuntament billi jċempel fuq 22926884.

## L-Iskop tal-Fond:

Il-Fond tal-Akkwakultura jipprovdi opportunitajiet għal aktar titjib fil-kredenzjali ambjentali tas-settur tal-akkwakultura Malti. Il-fond irid jiżgura li l-akkwakultura f'Malta tersaq lejn Akkwakultura b'Approċċ ibbażat fuq l-Ekosistema (EAA) li hi strateġija għall-integrazzjoni tal-attività fi ħdan ta' ekosistema usa b'tali mod li tippromwovi żvilupp sostenibbli, ekwità, u reżiljenza tas-sistemi soċjoekoloġiċi interkonnessi (FAO 2010[1]), b'enfasi fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent. Il-Fond għandu jiġi użat biex jiġu ffinanzjati proġetti, programmi u skemi relatati, flimkien ma' spejjeż intiżi biex jitwettqu u jiġu mmaniġġjati l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent, kif ukoll xi xogħlijiet li meħtieġa għal dawn l-iskopijiet jew għal rimedji ta' ħsarat ambjentali kkawżati, f'konformità mal-EAA.

## Proposti Eliġibbli:

L-għan ewlieni ta' din l-iskema ta' fondi hu li jitniedu proġetti żgħar u attivitajiet li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-akkwakultura u s-sajd f'Malta f'konformità ma' Akkwakultura u Sajd b'Approċċ ibbażat fuq l-Ekosistema, b'enfasi fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent. Temi oħrajn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, l-immaniġġjar u r-riduzzjoni tal-iskart, il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija biex jitħeġġeġ użu akbar ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli, studji ta' riċerka u żvilupp edukattivi u promozzjonali, programmi, proġetti u attivitajiet oħra fil-kamp tal-protezzjoni tal-ambjent, effiċjenza fl-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli b'enfasi speċifiku fuq is-settur tal-akkwakultura f'Malta, u d-degredazzjoni u l-

---

[1] FAO. Aquaculture development. 4. Ecosystem approach to aquaculture. *FAO Technical Guidelines for Responsible Fisheries.* No. 5, Suppl. 4. Rome, FAO. 2010. 53p.

ħsara ambjentali li din l-attività tikkawża f'Malta.

Sabiex proposta tikkwalifika fl-iskop tal-Akkwakultura b'Approċċ ibbażat fuq l-Ekosistema, il-proposti għandhom ikunu bbażati fuq wieħed minn dawn it-tliet prinċipji ewlenin li ġejjin:

**L-Ewwel Prinċipju:**

*L-iżvilupp u l-ġestjoni tal-Akkwakultura għandhom iqisu l-firxa sħiħa ta' funzjonijiet u servizzi tal-ekosistema u m'għandhomx jheddu t-twassil sostnut tagħhom lis-soċjetà.*

L-iżvilupp tal-akkwakultura fil-kuntest tal-funzjonijiet tal-ekosistema (minn tal-anqas b'mod operattiv), u l-estimar ta' xi kapaċitajiet ta' portata assimilattivi u produttivi, u l-adattar ta' prattiċi ta' tkabbir skont il-każ. It-taħlita ta' servizzi tal-ekosistema jiddependu minn prattiċi ta' ġestjoni usa, u l-kompromessi bejn is-servizzi differenti għandhom jiġu rikonoxxuti. Dan hu importanti b'mod speċjali f'każ ta' funzjonijiet tal-ekosistema li jkunu uniċi, essenzjali jew mhedda sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tagħhom.

Proposti eliġibbli għal dan jistgħu jinkludu :

- Kif il-ġestjoni ta' prattiċi tal-akkwakultura jistgħu jsiru aktar ekoloġiċi.
- Kif jista' jitnaqqas l-impatt li l-operat tal-akkwakultura jista' jkollu fuq l-ambjent.
- Analiżi tal-ekosistema, inkluż il-bijodiversità tal-ħut madwar iż-żoni tal-akkwakultura.

**It-Tieni Prinċipju:**

*L-Akkwakultura għandha ttejjeb il-benesseri u l-ekwità għall-partijiet interessati relevanti kollha.*

Dan il-prinċipju jfittex li jiżgura li l-akkwakultura tipprovdi opportunitajiet ġusti għall-iżvilupp u qsim indaqs tal-benefiċċji tagħha. Dan jinkludi garanzija li l-akkwakultura ma tirriżultax f'detriment mhux meħtieġ lil kwalunkwe grupp fi ħdan is-soċjetà, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli. Kemm is-sigurtà kif ukoll is-sikurezza tal-ikel għandhom jiġu promossi bħala komponenti ewlenin fil-benesseri.

Proposti eliġibbli għal dan jistgħu jinkludu:

- Żvilupp ta' prattiċi tal-akkwakultura li jtejbu s-sikurezza tal-ikel u l-provvista lokali b'għarfien ambjentali, bħal prattiċi ta' akkwakultura organika.
- L-identifikazzjoni ta' niċeċ ekonomiċi ġodda li jistgħu jiġu żviluppati fl-industrija tal-

akkwakultura għall-massimizzazzjoni ta’ opportunitajiet ta’ impiegi.

- Żvilupp u esplorazzjoni ta’ attivitajiet turistiċi innovattivi fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura.

**It-Tielet Prinċipju:**

*L-Akkwakultura għandha tiġi żviluppata fil-kuntest ta’ setturi, politiki u għanijiet oħrajn.*

Dan il-prinċipju jagħraf l-interazzjonijiet bejn l-akkwakultura u s-sistema akbar, b’mod partikolari l-influwenza tal-ambjent naturali u soċjali tal-madwar fuq prattiċi u riżultati tal-akkwakultura. Dan il-prinċipju jirrikonoxxi wkoll l-opportunitajiet tal-akkoppjament bejn attivitatjiet tal-akkwakultura ma’ setturi ta’ produzzjoni oħrajn, sabiex jiġi promoss ir-riċiklaġġ ta’ materjali u enerġija, u l-użu aħjar ta’ riżorsi in ġenerali.

Proposti eliġibbli għal dan jistgħu jinkludu:

- Politiki u strateġiji tal-akkwakultura li jipproteġu l-ambjent.
- Titjib ta’ teknoloġiji fis-settur tal-akkwakultura li jsaħħu l-protezzjoni tal-ambjent.
- Titjib tal-aspetti ambjentali ta’ setturi li huma relatati mal-akkwakultura, speċjalment fis-setturi relatati mal-marittimu u dawk kostali.

**Proposti Mhux Eliġibbli:**

Dawn li ġejjin ma jikkwalifikawx għal fondi taħt din l-iskema :

a) Akkwist ta’ proprjetà, art jew titlu (inkluż kera, enfitewsi, eċċ.)
b) Estensjoni ta’ proprjetà immobbli eżistenti.

**Benefiċjarji Eliġibbli għall-Fondi:**

- Organizzazzjonijiet li jifformaw parti mill-amministrazzjoni pubblika skont l-Att tal-Amministrazzjoni Pubblika;
- Studenti reġistrati ma’ istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja liċenzjata, akkreditata u rikonoxxuta mill-Awtorità ta’ Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla;
- Organizzazzjonijiet Volontarji reġistrati skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

*Nota: Applikanti li jwettqu attività ekonomika huma soġġetti għar-regoli tal-Għajnuna tal-Istat u l-proċeduri rispettivi kollha.*

**Il-Proċess tal-Applikazzjoni u tal-Fondi:**

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi bħala proposti li jiddefinixxu l-għan tal-proġett u l-kontribuzzjoni tiegħu lejn wieħed jew aktar mill-kriterji elenkati, flimkien mas-CV tal-applikant ewlieni. Applikazzjonijiet li jiġu aċċettati se jibbenefikaw għal grant sa €10,000, b'20% tal-pagament jingħata bil-quddiem, 30% wara sitt xhur, u l-bilanċ ta' 50% jingħataw meta l-proġett jiġi ffinalizzat skont kif ikun ġie indikat fil-proposta. Sabiex id-DFA jipproċessa l-pagament ta' 30%, irid jiġi pprovdut rapport iddettaljat li jispeċifika l-progress li jkun sar. L-istess japplika għall-kumplament ta' 50% tal-pagament li għalih irid jiġi ppreżentat rapport lid-DFA l jispjega b'mod ċar li l-azzjonijiet kollha tal-proġett ġew konklużi b'suċċess u li l-KPI's kollha tal-proġett ġew miksuba. Il-proġetti jridu jiġu ffinalizzati fi żmien 24 xahar mid-data tal-aċċettazzjoni. Jekk il-valur totali tal-proġett ikun taħt €10,000, l-applikanti eliġibbli huma intitolati għall-ammont tal-valur tal-proġett u mhux għas-somma sħiħa eliġibbli.

**Il-Proċess tas-Selezzjoni – Il-Bord tal-Fondi tal-Akkwakultura:**

Il-Ministeru għandu jaħtar Bord biex iwettaq il-verifiki tal-proċess tas-selezzjoni. Il-proposti li jintlaqgħu għandhom jiġu evalwati skont it-termini tal-fond biex jiġi ddeterminat jekk il-proġett sottomess għandux jiġi approvat jew miċħud. Il-Bord għandu jkun kompost minn Chairperson, erba' Membri u Segretarja. *Nota: Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Fond tal-Akkwakultura hi finali u mhix soġġetta għal appell. Madanakollu, hi soġġetta għal rieżami amministrattiv f'termini ta' Artikoli 469A ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.* Il-Bord tal-Fond tal-Akkwakultura jirriserva d-dritt li jitlob għal kjarifiki, ratifikazzjonijiet jew kwalunkwe dokument ta' appoġġ relevanti għal kemm idum il-proċess tal-evalwazzjoni tal-proposta ta' proġett.

**Titlu tal-Operazzjoni:**

**Sommarju Mhux Tekniku / Deskrizzjoni tal-Operazzjoni:**

**Durata tal-Operazzjoni:**

Fil-kaxxa t'hawn taħt, ikteb id-durata tal-operazzjoni flimkien mad-data tal-bidu u t-tmiem tagħha.

Data tal-Bidu:

Data tat-Tmiem:

Durata f'Xhur:

**L-Ispiża Totali tal-Proġett:**

Elenka l-ispiża totali tal-proġett f'Ewro (eskluż il-VAT): ________________________________

**Dettalji tal-Applikant:**

| | |
|---|---|
| Isem Sħiħ tal-Organizzazzjoni (jekk applikabbli) | |
| Indirizz Postali | |
| Kodiċi Postali | |
| Numru tal-VAT (jekk disponibbli/applikabbli) | |
| Numru tal-OV (jekk applikabbli) | |
| Mexxej tal-Proġett | |
| Pożizzjoni fl-Organizzazzjoni | |
| Numru tal-Karta tal-Identità | |
| Numru tat-telefon/mobile | |
| Indirizz tal-Email | |
| Indirizz tal-Website (jekk disponibbli/applikabbli) | |

**L-Istatus tal-Benefiċjarju:**

| | |
|---|---|
| Organizzazzjoni li tifforma parti mill-amministrazzjoni pubblika skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. | ☐ |
| Student/a reġistrat/a ma' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja liċenzjata, akkreditata u rikonoxxuta mill-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla. | ☐ |
| Organizzazzjoni Volontarja reġistrata skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. | ☐ |

**Għanijiet tal-Proġett:**

***Nota:*** *Immarka fejn applikabbli*

| *Prinċipji* | *Għanijiet Speċifiċi* | |
|---|---|---|
| 1 – L-iżvilupp u l-ġestjoni tal-Akkwakultura għandhom iqisu l-firxa sħiħa ta' funzjonijiet u servizzi tal-ekosistema u m'għandhomx jheddu t-twassil sostnut tagħhom lis-soċjetà. | 1- Politiki u strateġiji tal-akkwakultura li jissalvagwardjaw l-ambjent. | ☐ |
| | 2- Tnaqqis tal-impatt li l-operazzjonijiet tal-akkwakultura jista' jkollhom fuq l-ambjent. | ☐ |
| | 3- Analiżi tal-ekosistema inkluż bijodiversitajiet ta' ħut madwar żoni tal-akkwakultura. | ☐ |
| 2 – L-Akkwakultura għandha ttejjeb il-benesseri u l-ekwità għall-partijiet interessati relevanti kollha. | 1- Żvilupp ta' prattiki tal-akkwakultura li jtejbu s-sigurtà tal-ikel u l-provvista lokali b'għarfien ambjentali bħal prattiki ta' akkwakultura organika. | ☐ |
| | 2- Identifikazzjoni ta' niċeċ ekonomiċi li jistgħu jiġu żviluppati fl-industrija tal-akkwakultura għall-massimizzazzjoni ta' opportunitajiet ta' impiegi. | ☐ |
| | 3- Żvilupp u esplorazzjoni ta' attivitajiet turistiċi innovattivi fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura. | ☐ |
| 3 – L-Akkwakultura għandha tiġi żviluppata fil-kuntest ta' setturi, politiki u għanijiet oħrajn. | 1- Politiki u strateġiji tal-akkwakultura li jissalvagwardjaw l-ambjent. | ☐ |
| | 2- Titjib ta' teknoloġiji fis-settur tal-akkwakultura li jsaħħu l-protezzjoni tal-ambjent | ☐ |
| | 3- Titjib tal-aspetti ambjentali ta' setturi li huma relatati mal-akkwakultura, speċjalment fis-setturi relatati mal-marittimu u dawk kostali. | ☐ |

**Deskrizzjoni Dettaljata tal-Proġett:**

*Nota: Din it-taqsima għandha tispjega fid-dettall l-isfidi li dan il-proġett bi ħsiebu jindirizza, u għandha wkoll tagħti spjega rigward ir-raġuni għala din l-operazzjoni hi meħtieġa. Kwalunkwe dokumentazzjoni jew riċerka ta' appoġġ biex tiġi ġġustifikata il-ħtieġa għall-impriża ta' din l-operazzjoni għandhom jissemmew fil-qosor f'din it-taqsima.*

| |
|---|
| |

**Kontribuzzjonijiet Pożittivi Mistennija:**

F’din it-taqsima, l-applikant għandu jiddikjara u jniżżel il-kontribuzzjonijiet pożittivi mistennija għas-settur tal-akkwakultura, l-ambjent, ir-riċerka xjentifika, u/jew l-ekonomija Maltija waqt l-implimentazzjoni tagħhom u/jew ġaladarba l-proġett jitlesta, kif ukoll il-benefiċċju pubbliku lejn iċ-ċittadini Maltin in ġenerali.

**Indikaturi tal-Eżitu:**

Iddikjara kif is-suċċess ta' dan il-proġett se jiġi definit, ikkwantifikat u sussegwement imkejjel, sabiex jiżgura li l-proġett laħaq il-miri previsti.

**Dettalji Finanzjarji:**

Tqassim tal-Istima tal-Baġit (iċ-ċifri kollha għandhom ikunu kkwotati f'Ewro (€) Eskluż il-VAT). Fit-tabella t'hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi tqassim tal-attivitajiet u l-ispejjeż rispettivi tagħhom li għandhom jiġu eżegwiti mill-benefiċjarju bħala parti minn dan il-proġett.

| **Lista ta' Attivitajiet** | **Ammont (€)** |
|---|---|
| | **€** |
| | **€** |
| | **€** |
| | **€** |
| | **€** |
| | **€** |
| | **€** |
| **Total tal-Istima tal-Baġit:** | **€** |

*Jekk ikun meħtieġ, tista' żżid ringieli addizzjonali.*

**Dokumentazzjoni li jrid jingħata flimkien mal-applikazzjoni:**

a) Kopja tal-karta tal-identità tal-Mexxej tal-Proġett;

b) Curriculum Vitae tal-Mexxej tal-Proġett;

c) Kopja taċ-ċertifikat tal-OV (F'każ ta' Organizzazzjonijiet Volontarji);

d) Pjan tal-Proġett iddettaljat u Studju tal-Fattibbiltà. Il-Pjan tal-Proġett iddettaljat għandu jiddeskrivi b'mod ċar kif il-proġett se jiġi implimentat, flimkien ma' lista ta' riżorsi meħtieġa, inkluż skeda ta' żmien, spejjeż involuti u kontribuzzjonijiet pożittivi prevvisti. L-Istudju tal-Fattibbiltà, mill-banda l-oħra, għandu jipprovdi indikazzjoni finanzjarja ċara li tistipola kif il-Fondi in kwistjoni għandhom jiġu utilizzati biex jiġi mmassimizzat il-valur tagħhom vis a vis l-eżitu filwaqt li tinżamm il-fattibbilità finanzjarja tal-inizjattiva u tkopri l-ispejjeż kollha appartenenti tagħha. Għandhom jiġu sottomessi bħala żewġ dokumenti separati. Iż-żewġ dokumenti jridu jiġu ffirmati mill-Mexxej tal-Proġett.

e) Dikjarazzjoni ffirmata li tgħid li l-benefiċjarju mhux jibbenefika minn kwalunkwe forma oħra ta' għajnuna biex jiffinanzja din l-inizjattiva, minn kwalunkwe proġett ieħor jew inizjattiva ffinanzjata kemm minn Fondi Nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE.

**Nota:**

- Il-formola tal-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha ta' appoġġ għandhom jiġu ppreżentati f'format b'legatura spirali.
- L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa wkoll skennjata f'format pdf f'pen drive. Il-pen drive ma tingħatax lura.

*In-nuqqas ta' xi wieħed mid-dokumenti msemmijin hawn fuq fil-pakkett sottomess, iwassal biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata ineliġibbli u għaldaqstant miċħuda.*

**Dikjarazzjoni:**

**Bil-firma tiegħek hawn taħt f'din il-formula tal-applikazzjoni, inti qiegħed taqbel/tikkonferma li:**

- Tiddikjara li qed tissottometti din il-Formula tal-Applikazzjoni fil-kapaċità tal-applikant.
- Tiċċertifika li d-dikjarazzjonijiet kollha f'din il-Formola tal-Applikazzjoni huma korretti u kompluti safejn taf inti. Tifhem li l-fatt li wieħed konxjament jagħmel dikjarazzjoni falza huwa ekwivalenti għal reat kriminali.
- Tifhem li jekk l-informazzjoni li tagħti f'dak li għandu x'jaqsam din il-Formula tal-Applikazzjoni ma tibqax korretta, jew jekk ikun hemm kwalunkwe tibdiliet fl-informazzjoni mogħtija f'din il-Formula tal-Applikazzjoni, hi risponsabbiltà tiegħek li tavża lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura minnufih.
- Tikkonferma li l-impriża li se tkun qed taħdem magħha topera f'konformità mal-leġislazzjonijiet/regolamenti lokali u internazzjonali stabbiliti applikabbli, kif stipulat fil-liġi.
- Tifhem li l-proġett għandu jiġi implimentat f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'din il-formola tal-applikazzjoni.
- Tifhem li jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta jew mhix ċara, il-Bord tal-Fond tal-Akkwakultura, kif ukoll id-Direttur risponsabbli, jirriservaw id-dritt li jitolbu għal aktar informazzjoni, anke jekk din l-informazzjoni mhix mandatorja skont il-linji gwida ta' din is-sejħa.
- Tiddikjara li taqbel mat-Termini u l-Kondizzjonijiet ta' din il-Formola tal-Applikazzjoni.
- Tifhem u taqbel li d-Dipertiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jista' jissospendi u jirtira l-appoġġ kollu jekk ikun hemm nuqqas ta' konformità.
- Tikkonferma li ma bbenefikajtx minn fondi preċedenti relatati mal-proġett li qed tissottometti ma' din il-formola tal-applikazzjoni.
- Tiddikjara wkoll li bis-sottomissjoni tiegħek ta' din l-applikazzjoni, inti qiegħed hawnhekk tagħti l-kunsens tiegħek għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatat mal-organizzazzjoni u l-operazzjoni.
- Tagħraf li l-applikazzjoni tista' tiġi soġġetta għal monitoraġġ/awditjar/evalwazzjoni regolari u timpenja ruħek biex iżżomm rekords adegwati għal dan il-għan.
- Tikkonferma li l-operazzjoni li għaliha din l-applikazzjoni tirreferi mhix kompluta fiżikament jew implimentata bis-sħiħ fid-data tas-sottomissjoni tagħha.
- Għandek dejjem tirreferi għall-Fond tal-Akkwakultura kull meta ssir referenza għall-proġett fuq kwalunkwe materjal ipprintjat, irrappurtat, ippostjat onlajn jew kwalunkwe forma oħra ta'

medja. Għal dan il-għan għandek tuża d-dikjarazzjoni li ġejja : *Dan il-proġett hu (parzjalment) iffinanzjat permezz tal-Fond l-Akkwakultura – Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.*

- Tikkonferma li se tipprovdi aġġornamenti tal-proġett lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jekk u meta mitlub.
- Wara li jiġi ffinalizzat il-proġett, tikkonferma li se tipprepara preżentazzjoni u rapport iddettaljat u tgħaddih lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, fejn tagħti rendikont tal-kisbiet u l-benefiċċji kollha imsemmija f'dan il-proġett. Tikkonferma wkoll li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jista' jaqsam pubblikament u juża din l-informazzjoni għal skop ta' riklamar tal-Fond tal-Akkwakultura.

---

Isem u Kunjom tal-Mexxej tal-Proġett:

Firma tal-Mexxej tal-Proġett:

Data tas-Sottomissjoni tal-Applikazzjoni: / /

**Irċevuta ta’ Konferma tal-Applikazzjoni tal-Proġett**

**Finanzjament tal-Proġett permezz tal-Fond tal-Akkwakultura**

**stabbilit fir-rigward ta’ L.S. 425.12**

*Sena tas-Sejħa: 2026*

Data tas-Sottomissjoni tal-Applikazzjoni: Ħin tas-Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

__ _/ _ _/ _ _ _ _ _ _ : _ _

***Konferma:*** Qed jiġi kkonfermat li l-applikazzjoni ġiet sottomessa lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. L-applikazzjoni għandha tiġi kkonsidrata biss bħala aċċettata ġaladarba Ittra ta’ Aċċettazzjoni tiġi ppubblikata.

Kummenti Oħrajn (Jekk Applikabbli):

Isem u Kunjom l-Uffiċjal Pubbliku li rċieva l-Applikazzjoni:

Firma: